# Ħaż-Żebbuġ

## *f'Kitbiet Uffiċjali Bikrija*

## (1436-1575)

**_minn Alexander Bonnici OFM Conv._**

### *Benefiċċji u Legati*

Xi żmien li ma nafux kemm hu twil qabel is-sena 1436, Ħaż-Żebbuġ kellu l-parroċċa tiegħu ddedikata lil San Filippu ta' Agira. Dan jidher tajjeb minn *rollo* li kien intbagħat lill-isqof ġdid ta' Malta li kien jismu Senatore De Mello. Hu ried ikun jaf mingħand il-kanonċi tal-katidral ta' Malta liema kienu l-benefiċċji tad-djoċesi ta' Malta. Fosthom, jissemmew dawk ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-1436, tissemma kappella f'*Ħaż-Żebbuġ*, li ma nkitibx għal min kienet iddedikata. Nafu li responsabbli għaliha kien Francesco Sillato. Jissemmew żewġ benefiċċji li kienu wieħed ta' San Bartilmew u l-ieħor ta' Ħirbet il-Forn. Jissemmew ukoll erba' legati. Kienu jissejħu:

a) tas-sinjura Lasa;
b) ta' l-imħallef Lanza;
ċ) ta' Bertucho Finolito; u
d) u tar-raħal Żabbar.[1]

### *Bandu bi Twissijiet*

Proklama u bandu ta' l-1468, ikellmuna fuq knisja f'Ħaż-Żebbuġ imsemmija għal San Ġwann. In-nies kien ħaqqhom twissija talli, quddiem dik il-knisja, ma kienx qed jinżamm bil-ġieħ li jistħoqqlu. Banditur ġera mar-raħal kollu biex iwissi lin-nies li taħt dik il-knisja ta' San Ġwann ma kellux jinbiegħ l-inbid. Ħafna rġiel kienu qed jinġabru hemm biex ilegilgu l-inbid. Biex wieħed ibiegħ l-inbid, kien meħtieġ li jkollu l-liċenzja. Imma din ma kinitx se tingħata la għal maġenb il-knisja ta' San Ġwann u lanqas maġenb xi knisja oħra.[2]

### *Viżta Appostolika*

Għaddew mitt sena oħra u ftit fuqhom, u Ħaż-Żebbuġ jerġa' jissemma f'kitba iżjed importanti mit-tnejn li semmejna. Mons. Pietro Dusina, li kien l-ewwel inkwiżitur li ma kienx l-isqof ta' Malta, ingħata l-ordni mill-Papa Girgor XIII biex jagħmel viżta appostolika. Tissejjaħ *Appostolika* għax ġiet ordnata mill-Papa nnifsu. Għalhekk, Dusina, tul dik il-viżta kien fuq l-isqof innifsu. L-isqof ta' Malta kien l-Ispanjol Martin Royas.[3]

Dusina ġie f'Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Frar, 1575. Ħafna hu t-tagħrif li joħroġ minn din ir-relazzjoni dettaljata, li saret fi tmiem il-viżta. Hi relazzjoni uffiċjali li ġiet ippreżentata fil-Vatikan. Imma tagħha hawn ħafna kopji f'Malta wkoll. Ma kienx hawn nutar fl-imgħoddi li ma ħax ħsieb li jkollu kopja manuskritta tal-viżta.[4]

Minn barra l-knisja parrokkjali msemmija għal San Filippu, kien hemm sebgħa u għoxrin knisja oħra f'Ħaż-Żebbuġ. X'uħud minnhom ġew skonsagrati. Oħrajn spiċċaw għal kollox għax kienu qed jaqgħu. Imma xi waħda akkwistat importanza ħafna aktar milli kellha fl-1575. Fost dawk li għaddew ħafna għall-aħjar, insemmu lil dik ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi. L-isem *Muxi* fl-imgħoddi kien

dak ta' Mosè. Minn bidwi jismu Muxi, dik ix-xaqliba ħadet l-isem tagħha. L-isem tal-post jissemma f'xi kuntratti qodma. L-eqdem li nafu bih hu ta' l-1467.[5] Meta Dusina mar f'Ħal Muxi, hu kiteb li l-knisja kienet tiddependi mill-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Kellha altar u bieb ta' l-injam. Għall-bqija, kienet nieqsa minn kollox.[6] Illum, nafu kemm din hi knisja sabiħa u miżmuma tajjeb.

## *Il-Qagħda tal-Knisja Parrokkjali*

Nerġgħu nġibu quddiem għajnejna l-knisja parrokkjali. Mir-relazzjoni tal-viżitatur, aħna ma nafux għal liema San Filep hi msemmija. Imma ma għandna l-ebda dubju jekk hux San Filep ta'Agira. Żgur li ma kinitx knisja mitluqa. Meta Dusina wasal fiha biex jibda l-viżta tiegħu, kien hemm fiha kongregazzjoni kbira ta' nsara għas-smigħ tal-quddiesa. Il-kappillan ta' dak iż-żmien kien Dun Federiku Attard. Kien hu li qaddes fl-okkażjoni tal-viżta.

Fil-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien, kien hemm ħajt wara l-altar maġġur. Il-ħajt kien jifred l-altar mis-sagristija. Kien hemm ukoll taraġ li minnu kienu jibqgħu telgħin ghal fuq il-kampnar. Kif kien sa ftit ilu, il-knisja kellha l-battisteru tagħha fuq in-naħa tax-xellug ta' min jidħol fil-knisja.

Il-viżitatur waqqaf f'din il-parroċċa l-Fratellanza tas-Sagrament. Il-fratelli setgħu jagħtu ħafna servizzi fil-knisja. Jissemmew x'uħud minnhom. Huma kienu fid-dmir li jassistu mas-saċerdot meta jsir it-tqarbin lill-morda kull meta l-vjatku jsir b'mod solenni. L-istess ħaġa kellha ssir waqt funeral: mill-knisja sal-post fejn tkun se ssir id-difna. Huma kienu jieħdu sehem fir-rit tal-knisja meta xi xbejba tkun se tiżżewweġ. Il-konfratija tagħhom kienet tkun b'muzzetta bajda. Din, wara ħafna żmien, saret ħamra.

Malajr, kien hemm ħafna rġiel li wrew li riedu jkunu fratelli. Żewġ fratelli ġew magħżulin biex ikunu retturi. Dawn kienu Pawlu Gandolfo u Ġanni Felice. Fil-viżta, jitniżżlu l-ismijiet tagħhom kollha. Pawlu, Ġanni, u Antonju kienu fost l-ismijiet l-iżjed komuni. Imma dan ma kienx f'Ħaż-Żebbuġ biss.

Rakkomandazzjoni kurjuża kienet dwar il-lampier. Kien bi ftila waħda fiż-żejt, u nżammet mixgħula kontinwament. Imma Dusina ordnalhom li jkun hemm tliet ftejjel biex, fil-ġranet ta' festi solenni, ikun hemm tlett idwal jixegħlu fil-lampier ta' quddiem is-sagrament.

Maġenb kuritur li jagħti għall-knisja parrokkjali, kien hemm knisja ċkejkna li kienet fqira għal kollox għax ma kellha l-ebda dħul. Inżidu wkoll li, bħala knisja, kienet mitluqa ghax ma kien imur ħadd jitlob fiha u fiha ma kien isir xejn. Għalhekk, Dusina ordnalhom li l-ispazju tal-knisja jużawh bħala ċimiterju. Seta' jsir billi tintuża dik il-knisja stess, isir saqaf tajjeb għaliha, jitqiegħed bieb fin-nofs, u, fuq barra, ikun hemm kanċell li jissakkar. Bil-kanċell, tkun tidher il-parti fejn ikun hemm l-oqbra. B'hekk, l-insara, minn barra wkoll ikunu jistgħu jitolbu għall-mejtin tagħhom.[7]

L-aħħar osservazzjoni li l-viżitatur għamlilhom kienet dwar id-dfin. Il-Kappillan Attard ġie mogħti l-ordni biex lill-Fratelli tas-Sagrament jagħtihom żewġ oqbra ħalli fihom jindifnu huma nnifishom u huma stess, jiġifieri, il-fratelli,jieħdu ħsieb li jidfnu,mingħajr ebda ħlas, lil dawk il-foqra li ma kienx possibbli li jkollhom il-qabar tagħhom.

## *Daqqa ta' Għajn lejn Kappelli Żgħar*

Imbagħad, tul l-istess ġurnata, Dusina mar fil-knejjes l-oħrajn kollha ta' Ħaż-Żebbuġ. F'xi wħud, ma damx ħlief ftit minuti. L-istat tagħhom kien tant ħażin li malajr ġie ddikjarat li kellhom jiġu skonsagrati. Imma oħrajn instabu f'qagħda sodisfaċenti, għalkemm kien żmien ta' faqar. Kelma ta' tifħir kienet għall-knejjes ċkejknin ta' Ħaż-Żebbuġ.

Kważi kollha kemm huma, għalkemm mingħajr ebda għana, kienu fi stat sodisfaċenti. Kienu mifruxin ma' kull xaqliba tar-raħal. Xi quddiesa fihom kienet issir. Kellhom rabta ma' xi qassis jew ma' xi sekular li kien responsabbli għalihom. Kull waħda minn dawk il-knejjes ċkejknin għandha l-istorja tagħha.

Dusina sab ukoll xi kappelli li kienu qed jaqgħu. Insibu lil dawk ta' Sant'Ewfemja, San Mikiel f'Ħaż-Żebbuġ, u dik ta' San Nikola f'Ħal Muxi. Għalhekk, dawn kellhom jiġu kkundannati.[8]

Sostanzjalment, il-viżitatur appostoliku baqa' sodisfatt bl-istat ta' Ħaż-Żebbuġ. Dakinhar stess, fil-5 ta' Frar, 1575, Dusina telaq minn Ħaż-Żebbuġ, u mar lejn Ħal Qormi.[9]

---

1 G.F. Abela, *Della Descriztione di Malta*, Bonacota 1647, 314.

2 Bibljoteka Nazzjonali, Valletta, *Università*, 11, f.9v.

3 Bonnici Alexander, *Medieval and Roman Inquisition in Malta*, Reliġjon u Ħajja, 1998, 29-34.

4 Fl-Arkivju Vatikan, ara: *Congregazione Vescovi e Regolari: Malta, Vizta Apostolica*, n. 51: Mgr. Petrus Dusina, 1575. Kopji f'Malta, fost l-oħrajn, huma fl-Arkivju Arċidjoċesan (Floriana) u fl-Arkivju tal-Katidral. Jiena nnifsi wkoll għandi kopja tagħha.

5 Arkivju tan-Nutari, ms. 588, *Nutar P. Bonello*, f.21v.

6 Arkivju Sigriet tal-Vatikan, *Vescovi e Regolari*, 51, f.68.

7 Ib., f.66r.

8 Ib., ff.64r-68r.

9 Ib., f.68r.